Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 188

Riċerka ta' Joseph Bezzina

© 2010

# Bandu *għat-taħħana*

**Id-dokument numru mija tmienja u tmenin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu Bandu għas-sena 1710-1711 indirizzat lit-taħħana. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1710–1711), folju 7v (NAG, UG, Acta, 10/1710–1711, f. 7v).**


Item che li Macinatori non possono macinare il formen-
to più di grani dodici al tumuno, il misciato a gra-
ni dieci il tumuno, l'orgo a grani novi il tumulo, e quelli
che guasteranno la farina che non sarà ben ma-
cinata saranno in pena di pagare tarì quindeci ap-
candi come sopra. e siano in pena di ritornare il da-
naro et interessi alli Pni. o padrone di d: Vittovag-

*Item che li Macinatori non possono macinare il formento più di grani dodici al tumuno; il misciato a grani dieci il tumuno; l'orgo a grani novi il tumulo; e quelli che guasteranno la farina che non sarà ben macinata saranno in pena di pagare tarì quindici applicandi come sopra; e siano in pena di ritornare il denaro et interessi alli Padroni o padrone di detto vettovaglie.*

Dan il-*Bandu* u oħrajn li nħarġu miegħu jixhdu l-attenzjoni li kienet tagħti l-Università lil kull ħaġa li setgħet taffettwa l-but jew is-saħħa tal-Għawdxin.

Il-bdiewa Għawdxin kienu jaħsdu mill-għelieqi tagħhom *formento* – proprjament ried jingħad *frumento*, qamħ (*wheat*); *orgo* – proprjament ried jingħad *orzo*, xgħir (*barley*); u *misciato* jew maħlut, qamħ u xgħir miżrugħa flimkien. Wara li jinħasad, il-prodott kien jindires, jinġabar fi xkejjer, u jittieħed għand tal-mitħna.

It-taħħan kien iferra' l-prodott mill-ixkejjer f'delu apposta mnejn kien jinżel bil-mod il-mod bejn iż-żewġ ġebliet kbar tal-mitħna, waħda fuq u l-oħra taħtha. Dawn kienu jitħnu l-qamħ, ix-xgħir, jew il-maħlut, li kien jitfarrak u jsir dqiq. Il-ġebliet tal-mitħna kienu jiddawru minn żiemel jew bagħal mgħammad. Kienu jgħidulha mitħna tal-miexi. Iktar 'il quddiem il-ġebliet bdew jiddawru mill-imtieħen tar-riħ.

L-Università iffissat tliet prezzijiet għat-tħin: il-qamħ, tnax-il ħabba kull *tumuno* (proprjament *tumulo*) jiġifieri **tomna** (18.18 $dm^3$); ix-xgħir, disa' ħabbiet it-tomna; il-maħlut għaxar ħabbiet it-tomna. Tnax-il ħabba jiġu inqas minn ċenteżmu ta' Ewro (€0.01). Id-differenza fil-prezz tirrifletti d-differenza fil-ħin biex jintaħan il-prodott. Il-prezz tal-qamħ hu kemxejn iktar għax kien jieħu iktar żmien. Mill-qamħ kienu joħorġu tliet prodotti: *smid*, dqiq abjad mill-ifjen u l-aħjar tal-qamħa mitħuna u allura iktar sustanzjuż, tant li kien jitħallat mal-ħalib u jingħata lit-trabi; id-*dqiq* għal ħobż; u l-*granza*. Din setgħet tinqasam fi tnejn, *qxura*, għall-fniek, u *smida*, jiġifieri qxura mgħarbulha, li kienet tingħata bħala tagħsida lit-tiġieġ.

Il-ħobż tal-qamħ kien ikun abjad u kien ikkunsidrat ħobż tas-sinjuri għax kien jinbiegħ bi prezz ogħla; il-ħobż tal-maħlut kienu jsejħulu ħobż ismar imħabba l-kulur tiegħu; u l-ħobż tax-xgħir kien ikun iktar ismar minn tal-maħlut.

L-Università, barra dan, illeġiżlat ukoll dwar il-kwalità tad-dqiq. It-tħin ried isir bil-galbu ħalli ma jiġrix li d-dqiq ma jkunx ta' kwalità tajba. Min jinqabad jagħmel xogħol ta' kafkaf seta' jeħel multa kbira ta' ħmistax-il tarì (€0.24). Din il-multa kellha tinqasam *come sopra*, jiġifieri kif inkiteb qabel. Iktar 'il fuq hemm imniżżel li multi ta' din ix-xorta kellhom jinqasmu nofs b'nofs: nofs għall-Università, u nofs għall-*cattapani*, l-uffiċjali li kienu joħorġu t-taħrika.

Dan il-*Bandu* jixhed li l-Università riedet tikkontrolla kemm il-għoli tal-ħajja, kif ukoll il-kwalità tal-prodott.